31999D0337

27.5.1999 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 132/1

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tas-26 ta'April 1999
dwar l-iffirmar mill-Komunità Ewropea tal-Ftehim dwar il-Programm għall-Konservazzjoni Internazzjonali tad-Dniefel.

(1999/337/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolarti l-Artikolu 43 flimkien ma' l-Artikolu 228(2), l-ewwel sentenza u (3), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

(1) Billi l-Komunità għandha s-setgħa li tadotta miżuri għall-konservazzjoni u l-immnaniġġjar tar-riżorsi tal-ħut u li tidħol fi ftehim ma' pajjiżi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra;

(2) Billi l-Komunità hija Parti Kontraenti fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar li titlob li l-membri kollha tal-komunità internazzjonali jikkoperaw fil-konservazzjoni u l-immnaniġġjar tar-riżorsi bioloġiċi tal-baħar;

(3) Billi l-Komunità ffirmat il-Ftehim dwar l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar ta' l-10 ta' Diċembru 1982, li għandu x'jaqsam mal-Konservazzjoni u l-Immaniġġjar tal-Ġlejjeb tal-Ħut tal-Post u l-Ġlejjeb tal-Ħut li Jpassi Ħafna;

(4) Billi l-35 Laqgħa Intergovernattiva dwar il-konservazzjoni tat-tonn u d-dniefel fl-Oċean Paċifiku tal-Lvant adottat fi Frar 1998 il-Ftehim dwar il-Programm tal-Konservazzjoni tad-Dniefel;

(5) Billi l-għanijiet tal-Ftehim jinkludu t-tnaqqis progressiv tal-mortalità inċidentali tad-dniefel permezz tat-tartarun tal-borża fl-Oċean Paċifiku tal-Lvant għal-livelli li japprossimaw iż-żero, billi jistabbilixxu limiti annwali u sostenibbilità fit-tul tal-ġlejjeb tat-tonn fiż-Żona tal-Ftehim';

(6) Billi s-sajjieda Komunitarji jistadu għall-ġlejjeb tat-tonn fiż-Żona tal-Ftehim u billi huwa fl-interess tal-Komunità li tisvolġi rwol effettiv fl-implimentazzjoni tal-Ftehim; billi skond l-Artikolu XIV tal-Ftehim, il-Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali (IATTC) għandu jkollha rwol integrali fil-kordinament ta' l-implimentazzjoni tal-Ftehim u billi ħafna miżuri implimentattivi għandhom jiġu adottati fl-istruttura tal-IATTC; billi għalhekk huwa meħtieġ li l-Komunità tagħti l-kunsens għall-Ftehim simultanjament malli tidħol fil-IATTC;

(7) Billi l-Ftehim jista' jiġi ffirmat f'Washington mill-15 ta' Mejju 1998 sa l-14 ta' Mejju 1999 mill-Istati li għandhom kosta li tmiss maż-Żona tal-Ftehim u mill-Istati jew l-organizzazzjonijiet għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali li jkunu membri fil-IATTC jew li l-bastimenti tagħhom jistadu għat-tonn fiż-Żona tal-Ftehim sakemm il-Ftehim ikun jista' jiġi ffirmat;

(8) Billi l-iffirmar tal-Ftehim huwa l-ewwel pass lejn l-approvazzjoni sussegwenti tiegħu mill-Komunità skond il-proċeduri relevanti tat-Trattat;

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Komunità Ewropea għandha tiffirma l-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Dniefel, bla ħsara għall-approvazzjoni tiegħu.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill qed jiġi b'hekk awtorizzat biex jinnomina l-persuna li jkollha l-awtorità li tiffirma l-Ftehim għan-nom tal-Komunità.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-26 ta' April 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

J. FISCHER

ANNESS

FTEHIM

dwar il-programm internazzjonali għall-konservazzjoni tad-dniefel

PREAMBOLU

IL-PARTIJIET F'DAN IL-FTEHIM,

KONXJI MILL-FATT, li skond id-disposizzjonijiet relevanti tal-liġi internazzjonali, kif riflessa fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonaijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) ta' l-1982, l-Istati kollha għandhom id-dover li jieħdu, jew jikkoperaw ma' Stati oħra biex jittieħdu, dawk il-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa għall-konservazzjoni u l-immaniġġjar tar-riżorsi marini ħajjin;

ISPIRATI mill-prinċipji kkontenuti fid-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp ta' l-1992, kif ukoll mil-ħajra li jiġu implimentati l-prinċipji u n-normi tal-Kodiċi ta' l-Imġiba għal Sajd Responsabbli adottat mill-Konferenza ta' l-FAO ta' l-1995;

JENFASIZZAW il-volontà politika tal-komunità internazzjonali li tikkontribwixxi biex tittejjeb l-effettività tal-miżuri għall-konservazzjoni u l-immaniġġjar ta' l-industrija tas-sajd, permezz ta' Ftehim dwar il-Promozzjoni ta' l-Osservanza tal-Miżuri Internazzjonali tal-Konservazzjoni u l-Immaniġġjar minn Bastimenti tas-Sajd fl-Ibħra Miftuħa, li ġie adottat mill-Konferenza ta' l-FAO fl-1993;

JINNOTAW li l-50 Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, skond ir-riżoluzzjoni A/RES/50/24, adottat il-Ftehim għall-Implimentazzjoni tad-Disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar ta' l-10 ta' Diċembru 1982 Relatata mal-Konservazzjoni u l-Immaniġġjar tal-Ġlejjeb tal-Ħut tal-Post u tal-Ġlejjeb tal-Ħut li Jpassi Ħafna ("Il-ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Ġlejjeb tal-Ħut tal-Post u tal-Ġlejjeb tal-Ħut li Jpassi Ħafna");

ITENNU l-obbligazzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim ta' La Jolla ta' l-1992 u fid-Dikjarazzjoni tal-Panama ta' l-1995;

JENFASIZZAW l-għanijiet li tiġi eliminata l-mortalità tad-dniefel fis-sajd bit-tartarun tal-borża fl-Oċean Paċifiku tal-Lvant u li jinstabu metodi ekoloġikament effiċjenti biex jinqabad it-tonn tax-xewka safra b'mod separat mid-dniefel;

JENFASIZZAW l-importanza ta' l-industrija tas-sajd tat-tonn bħala sors ta' ikel u dħul għall-partijiet kif ukoll li l-miżuri għall-konservazzjoni u l-immaniġġjar għandhom ikunu indirizzati għal dawk il-ħtiġiet u jqisu l-impatti ekonomiċi u soċjali ta' dawk il-miżuri;

JIRRIKONOXXU t-tnaqqis drammatiku tal-mortalità inċidentali tad-dniefel li seħħet permezz tal-ftehim ta' la Jolla;

HUMA KONVINTI li l-evidenza xjentifika turi li t-teknika tas-sajd għat-ton flimkien mad-dniefel, skond ir-regolamenti u l-proċeduri stabbiliti mill-Ftehim ta' La Jolla u riflessa fid-Dikjarazzjoni ta' Panama, ipprovdiet metodu effettiv għall-protezzjoni tad-dniefel u użu bis-sens tar-riżorsi tat-tonn fl-Oċean Paċifiku tal-Lvant;

ITENNU li l-koperazzjoni multilaterali tikkostitwixxi l-mezz l-aktar effettiv biex jintlaħqu l-għanijiet tal-koservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi marini ħajjin;

HUMA MARBUTA biex jassiguraw is-sostenibbilità tal-Ġlejjeb tat-tonn fl-Oċean Paċifiku tal-Lvant u li progressivament inaqqsu l-mortalità inċidentali tad-dniefel fis-sajd tat-tonn fl-Oċean Paċifiku tal-Lvant għal-livelli li jqarrbu lejn iż-żero; li jevitaw, inaqqsu u jxejnu l-qbid inċidentali u l-iskartar ta' tonn żgħir u l-qbid inċidentali ta'speċji mhux mistada, waqt li tittieħed kunsiderazzjoni tad-dipendenza reċiproka fost l-ispeċji ta' l-ekosistema;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu I

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

1. "tonn" ifisser speċje tas-subordni *Scombroidei* (Klawe, 1980), bl-eċċezzjoni tal-ġenus *Scomber*;

2. "dniefel" tfisser speċi tal-familja *Delphinidae* assoċjati mas-sajd tat-tonn tax-xewka safra fiż-żona tal-Ftehim;

3. "bastiment" ifisser bastiment li jistad għat-tonn bit-tartarun tal-borża;

4. "partijiet" tfisser l-Istati jew l-organizzazzjonijiet għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali li taw il-kunsens tagħhom li jintrabtu b'dan il-Ftehim u li għalihom il-Ftehim ikun fis-seħħ;

5. "organizzazzjonijiet għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali" tfisser organizzazzjonijiet għall-intergrazzjoni ekonomika reġjonali li lilhom l-Istat membri jkunu ttrasferew il-kompetenza tagħhom dwar materji koperti minn dan il-Ftehim, inkluża l-awtorità biex jittieħdu deċiżjonijiet li jorbtu l-Istati Membri rigward dawk il-materji;

6. "IATTC"' tfisser il-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali;

7. "Il-Ftehim ta' La Jolla" jfisser l-istrument adottat fil-laqgħa inter-governattiva li sar f'Ġunju ta' l-1992;

8. "Il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Dniefel" ifisser il-programm internazzjonali stabbilit skond il-Ftehim ibbażat fuq il-Ftehim ta' La Jolla, kif iformalizzat, immodifikat u mtejjeb skond id-Dikjarazzjoni tal-Panama;

9. "Il-Programm ta' l-Osservaturi ta' Abbord" ifisser il-programm elenkat fl-Anness II;

10. "Id-Dikjarazzjoni tal-Panama" tfisser id-dikjarazzjoni ffirmata fil-Belt tal-Panama, Repubblika tal-Panama, fl-4 ta' Ottubru 1995;

11. "Direttur" ifisser id-Direttur ta' l-Investigazzjonijiet ta' l-IATTC.

Artikolu II

L-għanijiet

L-għanijiet tal-Ftehim huma:

1. li progressivament titnaqqas il-mortalità inċidentali tad-dniefel fis-sajd bit-tartarun tal-borża fiż-Żona tal-Ftehim għal livelli li joqorbu ż-żero, billi jiġu stabbiliti limiti annwali;

2. bil-għan li tiġi eliminata l-mortalità tad-dniefel f'dan il-lokal tas-sajd, li jinstabu miżuri ekoloġikament validi biex jinqabad it-tonn tax-xewka safra kbir mhux flimkien ma' dniefel u;

3. biex tiġi assigurata s-sostenibbilità fit-tul tal-Ġlejjeb tat-tonn fiż-Żona tal-Ftehim, kif ukoll dik tar-riżorsi marini ħajjin relatati ma' dan il-lokal tas-sajd, filwaqt li titqies l-interdipendenza fost l-ispeċji fl-ekosistema, b'enfasi speċjali fuq, inter alia, li jiġu evitat, imnaqqas u mxejjen il-qbid b'kumbinazzjoni u l-iskartar ta' tonn żgħir u ta' speċji li ma jiġux mistada.

Artikolu III

Iż-żona ta' l-applikazzjoni tal-Ftehim

Iż-żona ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim ("Iż-Żona tal-Ftehim") hija kif elenkat fl-Anness I.

Artikolu IV

Miżuri Ġenerali

Il-partijiet għandhom, fil-qafas tal-IATTC:

1. jieħdu miżuri biex jassiguraw il-konservazzjoni ta' ekosistemi kif ukoll il-miżuri ta' konservazzjoni u immaniġġjar biex jassiguraw sostenibbilità fit-tul tal-Ġlejjeb tat-tonn u tal-Ġlejjeb

tar-riżorsi marini ħajjin assoċjati mas-sajd għat-tonn bit-tartarun tal-borża fiż-Żona tal-Ftehim, ibbażati fuq l-aħjar tagħrif xjentifiku, u japplikaw metodi ta' prekawzjoni, konsistenti mad-disposizzjonijiet relevanti tal-Kodiċi ta' l-FAO dwar L-Imġiba għal-Sajd Responsabbli u l-Ftehim tan-Nazzjonaijiet Uniti fuq il-Ġlejjeb tal-Ħut tal-Post u Ġlejjeb ta' Ħut li Jpassi Ħafna. Dawn il-miżuri għandhom ikunu maħsuba biex iżommu u jirrestawraw il-biomassa tal-Ġlejjeb maqbuda fil-livelli jew aktar 'il fuq minnhom li jkunu kapaċi jipproduċu l-massimu tal-prodott sostenibbli, u dan bil-għan li jżommu u jirrestawraw il-biomassa tal-Ġlejjeb assoċjati fil-livelli jew aktar 'il fuq minnhom biex jipproduċu l-massimu sostenibbli tal-prodotti, u

2. biex jieħdu miżuri, skond il-kapaċità tagħhom, biex jivvalutaw il-qabdiet jew il-qabdiet b'kumbinazzjoni tat-tonn żgħir tax-xewka safra u ta' ġlejjeb oħra ta' speċji marini ħajjin relatati mas-sajd għat-tonn bit-tartarun tal-borża fiż-żona tal-Ftehim u jistabbilixxu l-miżuri skond l-Artikolu VI, inter alia, biex jiġi evitat, imnaqqas u mxejjen il-qbid b'kumbinazzjoni tat-tonn tax-xewka safra u l-qabdiet b'kumbinazzjoni ta' speċji mhux mistada, biex jassigguraw is-sostenibbilita fit-tul ta' dawn l-ispeċji kollha, filwaqt li titqies l-interdipendenza fost l-ispeċji ta' l-ekosistema;

Artikolu V

Il-Programm ta' Konservazzjoni Internazzjonali tad-Dniefel

Skond il-Programm Internazzjonali tal-Konservazzjoni tad-Dniefel u b'konsiderazzjoni għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, il-partijiet għandhom, inter alia:

1. jillimitaw il-mortalità totali inċidentali tad-dniefel fis-sajd bit-tartarun tal-borża fiż-żona tal-Ftehim għal mhux aktar minn 5 000 fis-sena, permezz ta' l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri relevanti, li għandhom jinkludu:

   (a) it-twaqqif ta' sistema li tipprovdi inċentivi lill-kaptani tal-bastimenti biex ikomplu jnaqqsu l-mortalità inċidentali tad-dniefel, bil-għan li jevitaw il-mortalità inċidentali tad-dniefel f'dan il-lokal tas-sajd;

   (b) it-twaqqif fl-istruttura tal-IATTC ta' sistema ta' taħriġ tekniku u ta' ċertifikazzzjoni għall-kaptani u l-ekwipaġġi tas-sajd dwar l-irkaptu u l-użu tiegħu, kif ukoll it-tekniki dwar is-salvataġġ u s-sigurtà tad-dniefel;

   (ċ) fl-istruttura tal-IATTC, il-promozzjoni u l-appoġġ tar-riċerka biex jiġi mtejjeb l-irkaptu, it-tagħmir u t-tekniki tas-sajd, inklużi dawk użati fil-lokal tas-sajd assoċjat mad-dniefel;

   (d) it-twaqqif ta' sistema ekwa għall-iffissar tal-limiti tal-mortalità tad-dniefel (DML's), konsistentement mal-massimi tal-mortalità tad-dniefel għal kull sena, skond l-Annessi III u IV;

   (e) li jirrikjedu li l-bastimenti rispettivi li ġew assenjati DML, jew li b'xi mod ieħor joperaw fiż-Żona tal-Ftehim, jikkonformaw mar-rekwiżiti operattivi li fih l-Anness VIII;

   (f) li jwaqqfu sistema li ssegwi u tivverifika t-tonn li jinqabad b'mortalità jew mingħajrha jew b'danni gravi għad-dniefel, ibbażata fuq l-elementi elenkati fl-Anness IX;

   (g) l-iskambju tar-riċerka xjentifika miġbura mill-partijiet skond dan il-Ftehim fuq bażi sħiħa u fil-pront; u

   (h) it-tmexxija tar-riċerka bil-għan li jinsabu mezzi ekoloġikament adattati biex jinqabad it-tonn tax-xewka safra mhux flimkien mad-dniefel;

2. jistabbilixxu limiti ta' mortalità tad-dniefel għal kull ġliba, u jirrevedu u jivvalutaw l-effetti ta' dawn il-limiti, skond l-Anness III, u

3. jirrevedu l-miżuri f'laqgħa tal-partijiet.

Artikolu VI

Is-sostenibbiliita tar-riżorsi marini ħajjin

Skond l-Artikolu IV, il-partijiet jintrabtu li jiżviluppaw u jimplimentaw, fl-istruttura tal-IATTC, il-miżuri biex jassiguraw is-sostenibbilita fit-tul tar-riżorsi marini ħajjin assoċjati mas-sajd bit-tartarun tal-borża fiż-Żona tal-Ftehim waqt li jitqiesu l-interdipendenzi fost l-ispeċji fl-ekosistema. Għal dan il-għan, il-partijiet għandhom, inter alia:

1. jiżviluppaw u jimplimentaw programm biex jivvalutaw, jimmonitorjaw u jnaqqsu l-qbid b'kumbinazzjoni ta' tonn żgħir u speċji mhux mistada fiż-Żona tal-Ftehim

2. sal-limiti massimi prattikabbli, jiżviluppaw u jirrikjedu l-użu ta' irkaptu tekniku, selettiv, ekoloġikament tajjeb u ekonomiku;

3. jirrikjedu li l-bastimenti tagħhom li joperaw fiż-Żona tal-Ftehim jirrilaxxaw il-fkieren tal-baħar li jkunu nqabdu aċċidentalment kif ukoll speċi oħra li jinsabu mhedda jew ipperikolati, safejn ikun l-aktar prattikabbli, u,

4. jitolbu lill-IATTC biex tibda investigazzjonijiet biex tivvaluta jekk il-kapaċità tas-sajd tal-bastimenti li jistadu fiż-Żona tal-Ftehim jikkostitwux theddida għas-sostenibbilità tal-ġlejjeb tattonn u riżorsi marini ħajjin oħra assoċjati mas-sajd u, jekk ikun il-każ, jeżaminaw il-miżuri possibbli u jirrakkomandaw l-adozzjoni tagħhom fejn ikun xieraq.

Artikolu VII

L-implimentazzjoni f'livell nazzjonali

Kull parti għandha tadotta, skond il-liġijiet u l-proċeduri tagħha, il-miżuri meħtieġa biex tassigura l-implimentazzjoni u l-konformità ma' dan il-Ftehim inkluża, kif inhu xieraq, l-adozzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti relevanti.

Artikolu VIII

Il-laqgħat tal-partijiet

1. Il-Partijiet għandhom jiltaqgħu perjodikament biex jikkunsidraw kwestjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u biex jieħdu d-deċiżjonijiet kollha relevanti dwarhom.

2. Il-laqgħa ordinarja għandha ssir talanqas darba fis-sena, preferibbilment flimkien mal-laqgħa tal-IATTC.

3. Il-partijiet jistgħu wkoll jagħmlu laqgħa straordinarja meta tinħass il-ħtieġa. Dawn il-laqgħat għandhom isiru fuq talba ta' xi parti minnhom, basta din it-talba tkun issekondata mill-maġġoranza tal-partijiet.

4. Il-laqgħa tal-partijiet għandha ssir meta jkun hemm kworum preżenti: kworum jintlaħaq meta l-maġġoranza tal-partijiet ikunu preżenti Din ir-regola għandha tapplika wkoll għal-laqgħa ta' l-organi sussidjarji stabbiliti skond dan il-Ftehim.

5. Il-laqgħa għandha ssir bl-Ispanjol u bl-Ingliż, u d-dokumenti tal-laqgħa tal-partijiet għandhom joħorġu biż-żewġ lingwi.

Artikolu IX

It-teħid tad-deċiżjonijiet

Id-deċiżjonijiet kollha mill-partijiet fil-laqgħat konvenuti skond l-Artikolu VIII għandhom ikunu b'konsensus.

Artikolu X

Il-Bord Xjentikiu Konsultattiv.

Il-funzjonijiet tal-Bord Xjentifiku Konsultattiv, stabbilit skond il-Ftehim La Jolla, għandu jiġi elenkat fl-Anness V. Il-Bord Xjentifku Konsultattiv għandu jkun kompost u jiġi operat skond il-prinċipji ta' l-Anness V.

Artikolu XI

Il-Kumitati Xjentifiċi Konsultattivi Nazzjonali

1. Kull parti għandha, skond il-liġijiet u l-proċeduri tagħha, tistabilixxi Kumitat Xjentifku Konsultattiv Nazzjonali (Natsac) ta' esperti kkwalifikati, li joperaw fil-kapaċità individwali tagħhom, fis-settur pubbliku u privat, u f'organizzazzjonijiet mhux governattivi inklużi, inter alia, xjenzati kkkwalifikati.

2. Il-funzjonijiet tal-Natsac għandhom ikunu, inter alia, dawk elenkati fl-Anness VI.

3. Il-partijiet għandhom jassiguraw li l-Natsac jikkopera permezz ta' laqgħat regolari u fil-waqt, biex jirrevedi d-*data* u l-*istatus* tal-ġlejjeb, u l-iżvilupp tal-pariri biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim.. Dawn il-laqgħat għandhom isiru talanqas darba fis-sena flimkien mal-laqgħat ordinarji tal-partijiet.

Artikolu XII

Il-Panel Internazzjonali tar-Revizjoni

Il-funzjonijiet tal-Panel Internazzjonali tar-Revizjoni (IRP), stabbilit skond il-Ftehim ta' La Jolla, għandhom ikunu spejgati fl-Anness VII. Il-IRP għandu jkun kompost u għandu jopera skond id-disposizzjonijiet ta' l-Anness VII.

Artikolu XIII

Il-Programm ta' l-Osservati ta'Abbord.

Il-Program ta' l-Osservaturi ta' Abbord stabbilit skond il-Ftehinm ta' La Jolla għandu jopera skond l-Anness II.

Artikolu XIV

Ir-rwol tal-IATTC

Billi huwa maħsub li l-IATTC għandu jkollha rwol integrali fil-kordinazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-partijiet għandhom, inter alia, jitolbu lill-IATTC biex tipprovdi l-appoġġ ta' segretarjat u biex twettaq dawk il-funzjonijiet kollha li huma elenkati fil-Ftehim jew li hemm qbil dwarhom skond dan il-Ftehim.

Artikolu XV

Il-finanzjament

IL-partijiet għandhom jikkontribwixxu għall-ispejjeż neċessarji biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim, billi jiġu stabbiliti u miġbura tariffi dwar il-bastimenti, li l-livell tagħhom għandu jiġi deċiż mill-partijiet, bla preġudizzju għal kontribuzzjonijiet finanzjarji volontarji oħra.

Artikolu XVI

Il-konformità

1. Kull parti għandha tassigura fir-rigward tal-bastimenti li jkunu taħt il-ġurisdizzjoni tagħha l-konformità mal-miżuri elenkati f'dan il-Ftehim jew adottati minħabba fih. B'mod partikolari, kull parti għandha tassigura, permezz, inter alia, ta' programm ta 'ċertifikazzjoni u spezzjoni ta' kull sena, li l-bastimenti taħt il-ġurisdizzjoni tagħha jkunu jikkonformaw ma':

(a) ll-ħtiġiet operattivi stabbiliti fl-Anness VIII, u

(b) il-ħtiġiet ta' osservatur ta' abbord kif stabbiliti fl-Anness II.

2. Fil-każ ta' vjolazzjonijiet, kull parti, waqt li tqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-IRP, għandha tapplika, b'konsistenza mal-liġijiet nazzjonali, sanzjoniiet ta' gravità tali li jkunu effettivi biex iġibu l-konformità mad-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u ta' miżuri adottati minħabba fih u biex iċaħħdu lit-trasgressuri mill-benefiċċji li jirriżultaw minn attivitajiet illegali. Tali sanzjonijiet għandhom, fil-każ ta' offiżi serji, jinkludu ċ-ċaħda, is-sospensjoni u l-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni biex wieħed jistad.

3. Il-partijiet għandhom jistabbilixxu inċentivi għall-kaptani u l-ekwipaġġi tal-bastimenti, bil-għan li dawn jikkonformaw ma' dan il-Ftehim u l-għanijiet tiegħu.

4. Il-partijiet għandhom jadottaw miżuri koperattivi biex jassiguraw il-konformità ma' dan il-Ftehim, billi jiġu żviluppati d-deċiżjonijiet li kienu ttieħdu fil-Ftehim ta' La Jolla.

5. Kull parti għandha malajr tinforma lill-PRI dwar l-azzjonijiet ta' l-infurzar li tkun ħadet skond dan il-Ftehim, u r-riżultati tiegħu.

Artikolu XVII

It-trasparenza

1. Il-partijiet għandhom jippromwovu t-trasparenza fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, wkoll permezz tal-parteċipazzjoni tal-pubbliku, kif ikun xieraq.

2. Ir-rappreżentanti minn organizzazzjonijiet inter-governattivi u r-rappreżentanti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi mdaħħla f'materji relevanti għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jingħataw l-opportunità li jieħdu parti fil-laqgħat tal-partijiet konvenuti skond l-Artikolu VIII bħala osservaturi jew inkella, kif ikun xieraq, skond il-linji gwida u l-kriterji elenkati fl-Anness X. Dawn l-organizzazzjonijiet inter-governattivi u organizzazzjonijiet mhux governattivi għandu jkollhom aċċess fil-pront għall-informazzjoni relevanti, suġġetti għar-regoli proċedurali dwar l-aċċess għal din l-informazzjoni li l-Partijiet jistgħu jadottaw.

Artikolu XVIII

Il-konfidenzalità

1. Il-laqgħa tal-partijiet għandha tistabbilixxi regoli dwar il-konfidenzalità għall-korpi kollha li jingħataw aċċess għall-informazzjoni skond dan il-Ftehim.

2. Minkejja r-regoli kollha dwar il-konfidenzalità li jistgħu jiġu adottati skond il-paragrafu 1, il-persuni kollha li jkollhom aċċess għal din l-informazzjoni konfidenzali jistgħu jikxfu din l-informazzjoni in konnessjoni ma' proċedimenti legali jew amministrattivi, jekk ikunu mitluba mill-awtorità kompetenti tal-parti kkonċernata.

Artikolu XIX

Il-koperazzjoni ma' organizzazzjonijiet jew arranġamenti oħra

Il-partijiet għandhoom jikkoperaw ma' organizzazzjonijiet u aranġamenti subreġjonali, reġjonali u globali tal-konservzazzjoni u l-immaniġġjar ta' l-industrija tal-ħut bil-għan li jippromwovu l-kisba ta' l-għanijiet ta' dan il-Ftehim.

Artikolu XX

Is-soluzzjoni tat-Tilwim

1. Il-partijiet għandhom jikkoperaw biex jevitaw it-tilwim. Kwalunkwe parti tista' tikkonsulta l-partijiet l-oħra rigward kull tilwima relatata ma' l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim biex jilħqu soluzzjonijiet sodisfaċenti għal kulħadd malajr kemm jista' jkun.

2. Jekk tilwima ma tiġix solvuta permezz ta' din il-kosultazzjoni fi żmien raġonevoli, il-partijiet in kwestjoni għandhom jikkonsultaw bejniethom malajr kemm jista' jkun biex jissetiljaw it-tilwima permezz ta' kull mezz paċifiku li dwaru jistgħu jiddeċidu skond il-liġi internazzjonali.

Artikolu XXI

Id-drittijiet ta' l-Istati

Ebda disposizzjoni ta' dan il-Ftehim ma tista' tiġi interpretata b'tali mod li tkun ta' preġudizzju jew li timmina s-sovranità, id-drittijiet tas-sovranità jew il-ġurisdizzjoni eżerċitati minn kull Stat skond il-liġi internazzjonali, kif ukoll il-posizzjoni jew l-opinjonijiet tiegħu rigward materji li għandhom x'jaqsmu mal-Liġi tal-Baħar.

Artikolu XXII

Dawk li ma jkunux parti

1. Il-partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-Istati u l-organizzazzjonijiet għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali kollha msemmija fl-Artikolu XXIV ta' dan il-Ftehim li ma jkunux partijiet biex isiru partijiet f'dan il-Ftehim jew li jadottaw liġijiet u regoli konsistenti miegħu.

2. Il-Partijiet għandhom jikkoperaw, skond dan il-Ftehim u l-liġi internazzjonali, biex ma jħallux bastimenti li jtajru l-bnadar ta' Stati oħra li ma jkunux partijiet jagħmlu attivitajiet li jimminaw l-effettività ta' dan il-Ftehim. Għal dan il-għan, il-partijiet għandhom, inter alia, jiġbdu l-attenzjoni ta' dawk li m'humiex parti rigward dawn l-attivitajiet mill-bastimenti tagħhom.

3. Il-partijiet għandhom jiskambjaw bejniethom l-informazzjoni, jew direttament jew tramite d-Direttur rigward l-attivitajiet ta' bastimenti li jkunu jtajru bandieri ta' dawk mhux parti li jkunu jimminaw l-effettività ta' dan il-Ftehim.

Artikolu XXIII

L-Annessi

L-Annessi jifformaw parti integrali minn dan il-Ftehim u, minbarra fejn ikun espressament ipprovdut mod ieħor, referenza għal dan il-Ftehim tinkludi referenza għall-Annessi relatati miegħu.

Artikolu XXIV

L-iffirmar

Dan il-Ftehim huwa miftuħ għall-iffirmar f'Washington mill-15 ta' Mejju 1999 għall-Istati li jkollhom il-kosta tmiss maż-Żona tal-Ftehim u l-Istati jew l-organizzazzjonijiet għall-integrazzjoni ta' l-ekonomiji reġjonali li jkunu membri fl-IATTC jew li l-bastimenti tagħhom jistadu għat-tonn fiż-Żona tal-Ftehim waqt li l-Ftehim hu miftuħ għall-iffirmar.

Artikolu XXV

Ir-ratifika, l-aċċettazzjoni u l-approvazzjoni

Dan il-Ftehim hu suġġett għar-ratifika, l-aċċettazzjoni u l-approvazzjoni tal-firmatarji skond ir-regoli u l-proċeduri domestiċi

Artikolu XXVI

Adeżjoni

Dan il-Ftehim għandu jibqa' miftuħ għall-adeżjoni ta' kull Stat jew organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ta' l-ekonomiji li jilħqu l-ħtiġiet ta' l-Artikolu XXIV, jew li jkunu b'mod ieħor mistiedna biex jadixxu fil-Ftehim fuq il-bażi tad-deċiżjoni tal-partijiet.

Artikolu XXVII

Id-dħul fis-seħħ

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ malli jiġi ddepożitat ir-raba' strument tar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni għand id-depożitarju.

2. Wara d-data msemmija fil-paragrafu 1, għar-rigward ta' kull Stat jew organizzazzjoni għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali li jilħaq il-ħtiġiet ta' l-Artikolu XXIV, il-Ftehim jidħol fis-seħħ għall-imsemmi Stat malli jiġi ddepożitat l-istrument tar-ratifika, ta' l-aċċetazzjoni, ta' l-approvazzjoni u ta' l-adeżjoni tiegħu.

Artikolu XXVIII

Ir-riservi

Ebda riserva ma tista' ssir f'dan il-Ftehim.

Artikolu XXIX

L-applikazzjoni provviżorja

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi applikat provviżorjament minn Stat jew organizzazzjoni għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali li tagħti l-kunsens sabiex dan jiġi provviżorjament applikat billi tinnotifika b'dan lid-depożitarju bil-miktub. Din l-applikazzjoni provviżorja għandha ssir effettiva mid-data tar-riċevuta tan-notifika.

2. Applikazzjoni provviżorja minn Stat jew organizazzjoni għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali taqa' malli jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim għal dak l-Istat jew l-organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika jew man-notifka minn dak l-Istat jew l-organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika lid-depożitarju bil-miktub dwar l-intenzjoni biex tiġi tterminata l-applikazzjoni provviżorja.

Artikolu XXX

L-emendi

1. Kull parti tista' tipproponi emenda għal dan il-Ftehim billi tagħti lid-depożitarju t-test ta' l-emenda proposta ta' lanqas 60 jum qabel il-laqgħa tal-partijiet. Id-depożitarju għandu jagħti kopja ta' dan it-test lill-partijiet l-oħra kollha..

2. Emendi għal dan il-Ftehim li jiġu adottati b'konsensus waqt laqgħa tal-partijiet għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data li fiha l-partijiet kollha jkunu ddepożitaw l-istrumenti tan-notifka, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni mad-depożitarju.

3. Kemm-il darba l-partijiet jiddeċidu mod ieħor, l-Annessi għal dan il-ftehim, jistgħu jiġu emendati, b'konsensus, fil-laqgħat kollha tal-partijiet. Kemm-il darba ma jkunx hemm qbil mod ieħor, l-emendi għall-Annessi għandhom jidħlu fis-seħħ għall-partijiet kollha ma' l-adozzjoni.

Artikolu XXXI

L-irtirar

Kull parti tista' tirtira f'kull waqt wara tnax-il xahar mid-data li fiha dan il-Ftehim ikun daħal fis-seħħ għar-rigward ta' dik il-parti billi tagħti avviż bil-miktub ta' l-irtirar lid-depożitarju. Id-depożitarju għandu jinforma lill-partijiet l-oħra dwar l-irtirar fi żmien 30 jum mir-riċevuta ta' dan l-avviż.. L-irtirar għandu jidħol fis-seħħ sitt xhur mir-riċevuta ta' dan l-avviż.

Artikolu XXXII

Id-depożitarju

It-testi oriġinali ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu ddepożitati malgvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, li għandu jibgħat kopji awtentikati tagħhom lill-firmatarji kollha u lill-partijiet imsieħba fih, u lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għar-reġistrazzjoni u l-pubblikazzjoni, skond l-Artikolu 102 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

B'XIEHDA TA' DAN, il-plenipotenzarji hawn taħt iffirmati, ġew awtorizzati kif imiss mill-gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul f'Washington, f'dan il-ħmistax-il jum ta' Mejju 1998, bl-Ingliż u bl-Ispanjol, biż-żewġ testi awtentiċi ndaqs.

ANNESS I

IŻ-ŻONA TAL-FTEHIM

Iż-żona tal-Ftehim tħaddan iż-żona ta' l-Oċean Paċifiku konfinanti mal-kosta ta' l-Amerika ta' Fuq, dik Ċentrali u dik t'Isfel u dawn il-linji:

(a) il-linja 40°T parallela mill-kosta ta' l-Amerika ta' Fuq safejn din taqsam il-linja meridjana 150°P;

(b) il-linja meridjana 150°P safejn din taqsam il-linja parallela 40°N;

(ċ) il-linja parallela 40°N sa fejn din taqsam il-Kosta ta' l-Amerika t' Isfel.

ANNESS II

IL-PROGRAMM TA' L-OSSERVATURI TA' ABBORD

1. Il-partijiet għandhom isostnu Programm ta' l-Osservaturi ta' Abbord skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness. Bħala komponent ta' dan il-Prgramm, kull parti tista' ssostni wkoll il-prgramm tagħha ta' osservaturi ta'abbord, skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness..

2. Kull parti għandha tobbliga l-bastimenti tagħha li jkollhom kapaċità fit-tagħbija ta' aktar minn 363 tunnellata (400 tunnellata qasira) u li joperaw fiż-Żona tal-Ftehim li jkollhom osservatur kull darba li joħorġu għas-sajd fiż-Żona tal-Ftehim. Talanqas 50 % ta' l-osservaturi fuq il-bastimenti ta' kull parti għandhom ikunu osservaturi tal-IATTC; il-bqija jistgħu jkunu mill-programm ta' l-osservaturi nazzjonali tal-partijiet, kif jirriżulta mill-kriterji elenkati f'dan l-Anness kif ukoll mill-kriterji l-oħrajn kollha stabbiliti mil-laqgħa tal-partijiet.

3. L-osservaturi kollha għandhom:

   (a) ikunu qagħdu għat-taħriġ tekniku kif meħtieġ skond il-linji gwida li l-partijiet jistabbilixxu;

   (b) ikunu persuni ta' nazzjonalita minn waħda mill-partijiet jew membru ta' l-istaff xjentifiku tal-IATTC;

   (ċ) ikunu kapaċi jwettqu d-doveri tagħħhom kif elenkati fil-paragrafu 4 ta' dan l-Anness;

   (d) ikunu inklużi fil-lista ta' l-osservaturi miżmuma mill-IATTC jew, jekk ikunu parti mill-programm ta' l-osservaturi nazzjonali, mill-Parti li tkun issostni dan il-programm.

4. id-doveri ta' l-osservatur għandhom ikunu, fost ħwejjeġ oħra:

   (a) li jiġbru l-informazzjoni kollha pertinenti dwar l-operazzjonijiet tas-sajd tal-bastiment li fih l-osservatur ikun assenjat kif ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim;

   (b) li jagħmlu disponibbli għall-kaptan tal-bastiment li lilu l-osservatur jiġi assenjat il-miżuri kollha stabbiliti mill-partijiet skond dan il-Ftehim;

   (ċ) li jagħmel disponibbli għall-kaptan tal-bastiment li lilu l-osservatur jiġi assenjat ir-rekord tal-mortalità tad-dniefel ta' dak il-bastiment;

   (d) li jħejji rapporti dwar informazzjoni li tkun inġabret skond dan il-paragrafu, u jagħti lill-kaptan tal-bastiment l-opportunità li jinkludi f'dawn ir-rapporti l-informazzjoni li l-kaptan ikun iqis bħala relevanti;

   (e) li jagħti dawn ir-rapporti lid-Direttur tal-programm nazzjonali pertinenti, biex jiġu użat in konformità ma'l-Anness VII, paragrafu I tal-Ftehim;

   (f) li jwettaq dawk il-funzjonijiet kollha kif miftiehem mill-partijiet.

5. l-osservaturi għandhom:

   (a) minbarra sal-limitu meħtieġ skond il-paragrafu 4(d) u 4(c) ta' dan l-Anness, jittrattaw bħala konfidenzjali l-informazzjoni kollha għar-rigward ta' l-operazzjonijiet tas-sajd ta' dawn il-bastimenti u tas-sidien tal--bastimenti, u jaċċettaw il-ħtiġiet bil-miktub bħala kondizzjoni għall-ħatra ta' osservatur;

   (b) jikkonformaw mal-ħtiġiet stabbiliti fil-liġijiet u r-regolamenti tal-parti li teżerċita l-ġurisdizzjoni fuq il-bastiment li lilu l-osservatur jiġi assenjat safejn dawn ir-rekwżiti ma jkunux inkompatibbli mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness;

   (ċ) joqogħdu lura milli joħorġu jew jappoġġjaw kwalunkwe ċertifikat jew dokumentazzjoni oħra li għandha x'taqsam ma' l-operazzjonijiet tas-sajd, minbarra kif jista' jkun approvat mill-partijiet;

(d) jirrispettaw il-ġerarkija u r-regoli ġenerali ta' l-imġiba li japplikaw għall-istaff kollu tal-bastiment, basta dawn ir-regoli ma jkunu impediment għad-doveri ta' l-osservaturi kif imfissra f'dan l-Anness u fl-obbligi ta' l-istaff tal-bastiment elenkati fil-paragrafu 6 ta' dan l-Anness;

6. Ir-responsabbiltajiet tal-partijiet u l-kaptani tal-bastimenti rigward l-osservaturi għandhom jinkludi dawn, inter alia;

(a) l-osservaturi għandhom jingħataw aċċess għall-istaff tal-bastiment u għall-irkaptu u l-apparat imsemmi fl-Anness VIII;

(b) fuq talba tagħhom, l-osservaturi għandhom jingħataw aċċess għal dan l-apparat li ġej, jekk dan ikun jeżisti fuq il-bastimenti li lilu jiġu assenjati, biex jgħinhom fil-qadi ta' dmirijiethom kif elenkat fil-paragrafu 4:

(i) it-tagħmir tan-navigazzjoni bis-satellita;

(ii) l-iskrinijiet tar-radar meta dawn ikunu jintużaw;

(iii) l-użu ta' trombi ta' qawwa kbira anke meta d-dniefel ikunu qed jiġu kkaċċjati u mdawra biex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni, minbarra meta dawn ikunu qed jintużaw mill-istaff tal-bastiment;

(iv) il-mezzi elettroniċi tal-komunikazzjoni;

(ċ) l-osservaturi għandu jkollhom aċċess għall-gverta fejn isir ix-xogħol meta tkun qed tittella' x-xibka u l-ħut u għal kwalunkwe kampjun, ħaj jew mejjet, li jinġieb abbord il-bastiment waqt ġabra biex jittieħdu kampjuni skond il-prgramm ta' l-Osservaturi ta' Abbord jew kif mod ieħor mitlub mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bħala parti mill-programm nazzjonali ta' l-osservaturi

(d) l-osservaturi għandhom ikunu pprovduti bl-akkomodazzjoni, inkluż l-alloġġ, l-ikel u l-faċilitajiet sanitarji adegwati li jkunu l-istess bħal dawk ta' l-ekwipaġġ;

(e) l-osservaturi għandhom ikunu pprovduti bi spazju bizzejjed fuq il-briġġ jew fil-kabina tal-kaptan għal xogħol ta' kitba, kif ukoll spazju adegwat fuq il-gverta biex ikunu jistgħu iwettqu id-doveri tagħhom ta' osservaturi;

(f) il-partijiet għandhom jassiguraw li l-kaptani, l-ekwipaġġ, u s-sidien tal-bastiment ma jfixklux, jintimidawx, jinterferux, ma jinfluwenzawx, jxaħħmux, jew jippruvawx ixaħħmu osservatur fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu jew tagħha.

7. Il-partijiet għandhom:

(a) jassiguraw li l-osservaturi kollha tal-programm nazzjonali rispettiv taghom jiġbru l-informazzjoni bl-istess mod kif inhu mitlub mill-osservaturi tal-IATTC;

(b) jipprovdu lid-Direttur kopji tad-*data* kollha mhux ipproċessata li tkun inġabret mill-programm nazzjonali rispettiv tagħhom malajr kemm jista' jkun malli jintemm il-vjaġġ li fih id-*data* tkun inġabret, flimkien mas-sommarji u r-rapporti komparabbli ma' dawk ipprovduti mill-osservaturi tal-IATTC.

8. Malajr kemm jista' jkun wara kull vjaġġ osservat minn osservatur tal-IATTC, id-direttur b'mod konsistenti mal-ħtiġiet applikabbli dwar il-konfidenzalità, huwa mistenni li jipprovdi lill-parti li taħt il-ġurisdizzjoni tagħha l-bastiment ikun stad, il-kopji tad-data kollha mhux ipproċessata, is-sommarji u r-rapporti li jkunu relatati mal-vjaġġ.

9. Minkejja disposizzjonijiet oħra f'dan l-Anness, jekk id-Direttur jiddeċiedi li t-tqegħid ta' osservatur mill-Programm ta' l-Osservaturi ta' Abbord ma jkunx prattikabbli, bastiment suġġett għall-ġurisdizzjoni ta' parti li tkun tistad fiż-Żona tal-Ftehim bla ma jaħbtu għad-dniefel tista' tuża osservatur imħarreġ minn programm internazzjonali ieħor, basta dan il-programm ikun approvat mill-partijiet, biex jiġbor l-informazzjoni pertinenti għall-Programm ta' l-Osservaturi ta' Abbord, u biex jikkonferma lid-Direttur li dak il-bastiment ma jkunx iltaqa' ma dniefel.

10. Osservaturi mill-Programm ta' l-Ossevaturi Abbord jistgħu jiġu assenjati fuq bastimenti ta' pajjiżi li ma jkunux parti skond id-diskrezzjoni tad-Direrttur, basta l-bastiment u l-kaptan tal-bastiment jikkonformaw mal-ħtiġiet kollha ta'dan l-Anness u l-ħtiġiet l-oħra kollha applikabbli ta' dan il-Ftehim. Id-Direttur jiġi mitlub jinforma lill-partijiet dwar nominazzjoni ta' din ix-xorta malajr kemm jista' jkun.

11. Id-drittijiet

(a) Il-partijiet għandhom jistabbilixxu l-ammont tad-drittijiet annwali tal-bastiment biex jitħallsu l-ispejjeż tal-Programm ta' l-Osservatur ta'Abbord. Id-drittijiet għandhom jiġu kkalkolati fuq il-bażi ta' kemm il-bastiment ikun kapaċi jġorr jew fuq xi norma oħra speċifikata mill-partijiet.

(b) Fl-istess waqt li parti tissottometti lid-Direttur il-lista tal-bastimenti skond l-Anness IV għal dan il-Ftehim, din għandha wkoll tissottometti l-ħlas, f'dollari Amerikani, għad-drittijiet stabbiliti skond il-paragrafu 11(a) ta' dan l-Anness, waqt li tispeċifika liema bastimenti l-ħlas ikun ikopri.

(ċ) Ebda osservatur ma jiġi assenjat ma' basimernt li għalih id-drittijiet, kif meħtieġa skond dan il-paragrafu 11(b) ta' dan l-Anness, ma jkunux tħallsu.

ANNESS III

IL-LIMITI TAL-MORTALITÀ TAD-DNIEFEL GĦAL KULL ĠLIBA GĦAL KULL SENA

1. Il-partijiet għandhom jistabbilixxu, f'laqgħa konvenuta skond l-Artikolu VIII ta' dan il-Ftehim, limitu ta' mortalità tad-dniefel għal kull ġliba, għal kull sena, li jiġi kklakulat f'laqgħa tal-partijiet, li jkun ibbażat fuq l-aħjar evidenza xjentifika, ta' bejn 0,2 % u 0,1 % ta' l-abbundanza minima stmata (N_{min}) kif din tiġi kkalkolata mis-Servizz Nazzjonali tas-Sajd fil-Baħar ta' l-Istati Uniti jew norma ta' kalkolu ekwivalenti li jista' jiġi żviluppat jew rakkomandat mill-Bord Xjentifiku Konsultattiv iżda fl-ebda każ m'għandha l-mortalità totali annnwali tad-dniefel tiskorri l-5 000, b'konsistenza mad-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim. Fis-sena 2001 u minn hemm 'il quddiem, il-limitu, għal kull ġliba, għal kull sena għandu jkun ta' 0,1 % ta' l-abbundanza minima stmata (N_{min}).

2. Il-partijiet għandhom jordnaw fl-1998, jew mill-aktar fis wara, reviżjoni xjentifika u valutazzjoni tal-progress lejn l-objettiv tas-sena 2001, u jikkunsidraw ir-rakkomandazzjonijiet bħala xierqa. Sas-sena 2001, fil-każ li l-mortalità annwa ta' 0,2 % tal-N_{min} tinqabeż għal xi ġliba ta' dniefel, il-qbid kollu fuq dik il-ġliba jew għal ġlejjeb imħallta li jkun fihom membri ta' dik il-ġliba għandu jieqaf għal dik is-sena. Mill-bidu tas-sena 2001, fil-każ li l-mortalità annwa ta' 0,1 % tal-N_{min} tinqabeż f'xi ġliba ta' dniefel, il-qbid kollu għal dak l-ġliba jew ġlejjeb oħra li jkun fihom membri ta' dik il-ġliba għandu jieqaf għal dik is-sena. Fil-każ li l-mortalità annwa ta' 0,1 % tal-N_{min} tinqabeż kemm għall-ġlejjeb ta' l-*ispinner* tal-lvant u kif ukoll id-denfil tat-tikek tal-grigal, il-partijiet għandhom jordnaw reviżjoni u valutazzjoni xjentifika u jikkunsidraw rakkomandazzjonijiet ulterjuri.

3. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-partijiet għandhom jużaw l-istima kurrenti ta' l-abbundanza assoluta tal-ġlejjeb tad-dniefel ta' l-Oċean tal-Lvant li kienet ġiet ippreżentata minn Wade u Gerrodette lill-Kummissjoni Internazzjonali tal-Balieni fl-1992, ibbażata fuq id-*data* tal-bastiment tar-riċerka tas-Servizz Nazzjonali għas-Sajd fil-Baħar ta' l-Istati Uniti għall-perjodu mill-1985 u l-1990, sa ma l-partijiet jaqblu dwar sett aġġornat ta' ċifri. Tali aġġornamenti jistgħu jirriżultaw mill-analiżi tad-*data* minn tbaħħir ta' riċerka fil-ġejjieni u minn indiċijiet ta' l-abbundanza u *data* oħra xjentifika mill-partijiet, il-IATTC u organizzazzjonijiet oħra xjentifiċi.

4. Il-partijiet għandhonm jistabbilixxu sistema, ibbażata fuq rapportaġġ minn oservaturi li jkunu fuq il-post dak il waqt, biex tiġi assigurata l-implimentazzjoni effettiva u l-konformità mal-limitu tal-mortalità tad-dniefel għal kull ġliba, għal kull sena.

5. Fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-partijiet għandhom jistabbilixxu sistema għall-allokazzjoni tal-limitu tal-mortalità għal kull ġliba, għal kull sena għal kull ġliba għas-snin u s-snin segwenti minn hemm 'il quddiem. Din is-sistema għandha tipprovdi għad-distribuzzjoni tal-limiti tal-mortalità fil-paragrafu 1 ta' dan l-Anness fost il-bastimenti tal-partijiet li jkunu eliġibbli għal-limiti tal-mortalità tad-dniefel, skond l-Anness IV. Meta titwaqqaf din is-sistema, il-partijiet għandhom jikkunsidraw l-aħjar evidenza xjentifika li jkollhom għad-disposizzjoni tagħhom u l-abbundanza tal-ġlejjeb in kwestjoni, u varjabbli oħra li l-laqgħa tal-partijiet għandha tidentifika f'data aktar tard.

ANNESS IV

IL-LIMITI TAL-MORTALITA' TAD-DNIEFEL (DML)

I. L-ASSENJAZZJONI TAL-DML

1. Kull parti għandha tagħti lil-laqgħa tal-partijiet, permezz tad-Direttur, qabel l-1 ta' Otttubru ta' kull sena, lista tal-bastimenti taħt il-ġurisdizzjoni tagħha li kapaċi jġorru aktar minn 363 tunnellata metrika (400 tunellata) li jkunu talbu DML għal sena sħiħa għas-sena li tkun tmiss, waqt li tindika dawk il-bastimenti l-oħra li aktarx li jkunu joperaw fiż-Żona tal-Ftehim fis-sena ta' wara, u l-bastimenti li jkunu talbu DML għat-tieni semestru għas-sena ta' wara.

2. L-IRP għandha, sa l-1 ta' Novembru ta' kull sena, jew aktar tard jekk ikun hekk miftiehem mill-IRP, tipprovdi lil-laqgħa tal-partijiet lista tal-bastimeti applikanti kkwalifikati eliġibbli li jirċievu l-DML. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, bastiment jiġi kkunsidrat li huwa kkwalifikat jekk:

(a) ikun ġie ċċertifikat mill-awtorità nazzjonali relevanti li jkun jippossedi l-apparat kollu tas-sigurtà u t-tagħmir meħtieġ għad-dniefel fl-Anness VIII;

(b) il-kaptan u l-ekwipaġġ ikunu rċevew taħriġ approvat fit-tekniki tar-rilaxx u s-salvataġġ tad-dniefel illi jkun paragunabbli man-normi stabbilti fil-laqgħa tal-partijiet;

(ċ) ikun kbir biżżejjed li jkollu kapaċità ta' l-fuq minn 363 tunnellata metrika (400 tuenllata);

(d) ikollu kaptan li jkun meqjus bħala kkwalifikat minħabba r-rekord preċedenti tiegħu jew tagħha fuq ix-xogħol;

(e) il-bastiment ma jkunx ikkunsidrat skwalifikat taħt it-Taqsima II ta' dan l-Anness.

3. Bastiment ma jiġix ikkunsidrat bħala kkwalifikat skond il-paragrafu 2, jekk fid-data tat-talba li ssir skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Anness, il-bastiment ikun qiegħed jopera taħt il-ġurisdizzjoni ta' parti li l-liġijiet u r-regolamenti applikabbli tagħha jkunu jipprojbixxu bastimenti taħt il-ġurisdizzjoni tagħha milli jistadu għat-tonn waqt li jkunu jistadu għad-dniefel; anqas m'għandu DML jiġu assenjat lil xi parti biex jipprovdu l-permessi għas-sajd fiż-Żona tal-Ftehim lil bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat ieħor li l-liġijiet u r-regolamenti applikabbli tiegħu jipprojbixxu bastimenti taħt il-ġuirisdizzjoni tagħhom milli jistadu għat-tonn flimkien mad-dniefel.

4. 98 %, jew xi porzjoni ieħor bħalu mhux riservat li l-partijiet jistgħu jiddeċidu, tal-limitu tal-mortalità globali għas-sit fejn ikun isir is-sajd (5 000, jew xi limiti baxx ieħor li l-partijiet jistgħu jiddeċidu) għandu jintuża biex tiġi kkalkolata l-medja individwali tal-DML tal-bastiment u mqassma fost il-partijiet għas-sena sussegwenti, kif hemm imfisser fil-paragrafu 5 ta' din it-taqsima.

5. L-ADML għandu jiġi kkalkolat billi wieħed jiddividi l-porzjon mhux riservat tal-DML globali għas-sit fejn isir is-sajd skond il-paragrafu 4 bl-għadd totali ta' bastimenti kkkwalifikati li jkunu jridu l-DML għas-sena kollha. Id-distribuzzjoni tal-DML fost il-partijiet għandha tiġi deċiża billi wieħed jimmultiplika l-ADML bin-numru ta' bastimenti kkkwalifikati li jkunu jridu DML għas-sena kollha u li jkunu joperaw taħt il-ġursidizzjoni ta' kull parti..

6. It-2 % li tibqa', jew dak il-porzjon li l-partijiet jistgħu jiddeċidu, tal-DML globali għas-sit tas-sajd għandu jinżamm bħala allokazzjoni riserva separata ta' DML (RDA), li għandha tiġi mmaniġġjata skond id-diskrezzjoni tad-Direttur. Kull parti tista' titlob lid-Direttur jassenjalha DML minn dan l-RDA għall-bastimenti li jkunu jistadu taħt il-ġuridizzjoni tagħha li normalment ma jistadux għat-tonn fiż-Żona tal-Ftehim iżda li, minn żmien għal żmien, ikunu jixtiequ jipparteċipaw fis-sit tas-sajd fiż-Żona tal-Ftehim fuq bażi limitata, basta dawn il-bastimenti u l-kaptani u l-ekwipaġġi tagħhom jilħqu l-ħtiġiet operattivi u ta' taħriġ kif elenkati fl-Anness VIII ta' dan il-Ftehim u li l-ħtiġiet elenkati fil-paragrafi 2 u 3, ta' din it-taqsima, jintlaħqu. Xi mortalitajiet aċċidentali kkawżati mill-bastimenti li joperaw fiż-Żona tal-Ftehim taħt il-ġurisdizzjoni ta' kull parti li ma tkunx talbet DML għall-flotta tagħha għandhom ukoll jitnaqqsu minn dan l-RDA.

7. Ebda DML ma jiġi assenjat lil bastiment li jiġi deċiż mill-partijiet li jkun ħa sehem f'sensiela ta' vjolazzjonijiet, kif ikun ikkonfermat permezz ta' l-azzjonijiet ta' l-inforzar li jkunu ttieħdu kontra dan il-bastiment mill-parti li taħt il-ġurisdizzjoni tagħha dan ikun jopera, li jnaqqas l-effettività tal-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Dniefel.

8. Il-partijiet individwali li jkollhom bastimenti kkkwalifikati li jkunu jistadu għat-tonn flimkien mad-dniefel għandhom jimmaniġġaw id-DMLs tagħhom b'mod responsabbli, basta li ebda bastiment individwali ma' jirċievi l-ammont totali annwali ta' DML żejjed fuq l-DML stabbilit għall-1997 mill-IRP, u rrapportat fil-minuti ta' l-14-il laqgħa tal-IRP, li saret fid-19 u l-20 ta' Frar 1997, taħt il-Ftehim ta' La Jolla. Ebda parti ma tista' talloka għat-total tal-bastimenti kkwalifkati tagħha numru akbar ta' DML minn dawk li dik il-parti jkun ġie allokat lilha taħt it-Taqsimiet minn I sa III ta' dan l-Anness. Ebda assenjazzjoni ta' DML ma tista' tirriżulta f'li xi bastiment jirċievi DML iżjed mill-ADML ħlief jekk ir-rekord tiegħu biex jitnaqqsu il-mortalitajiet tad-dniefel, kif imkejel mill-IRP ibbazat fuq id-*data* tas-sentejn ta' qabel, ikun aħjar mill-medja tar-rekord tal-flotta internazzjonali fl-intier tiegħu. Ebda assenjazzjoni inizjali ta' DML ma tista' tirriżulta f'li bastiment jirċievi DML iżjed mill-ADML jekk, matul is-sena preċedenti, ikun ikkommetta xi waħda minn-nuqqasijiet elenkati fit-Taqsima III, paragrafu 4 ta' dan l-Anness, suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti skond dan il-paragrafu.

9. Jekk it-total tal-mortalitajiet tal-flotta ta' xi parti jkun daqs jew jiskorri l-ammont totali tal-DML imqassam lilha skond dan l-Anness, is-sajd tat-tonn flimkien mad-dniefel għandu jieqaf fil-każ tal-bastimenti kollha li jkunu joperaw taħt il-ġurisdizzjoni ta' dik il-parti.

10. Kull parti għandha, mhux aktar tard mill-1 ta' Frar ta' kull sena, tgħarraf lid-Direttur dwar l-allokazzjoni inizjali tal-DML imqassam fost il-flotta tagħha. Ebda bastiment ma jista' jistad għat-tonn flimkien mad-dniefel sa ma d-Direttur jirċievi din in-notifika,.

II. L-UTILIZZAZZJONI TAL-DML

1. Kull bastiment li jiġi assenjat lilu DML għal sena sħiħa u ma jaħbatx għad-dniefel qabel l-1 ta' April ta' dik is-sena, jew li jiġi assenjat lilu DML għat-tieni semestru u ma jiltaqax ma' dniefel sal-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena, jew li jiġi assenjat lilu DML għal kull vjaġġ mill-RDA u ma jiltaqax ma' dniefel matul il-vjaġġ, għajr meta minħabba *force majeure* jew ċirkostanzi straordinarji, skond qbil mal-IRP, għandu jitlef id-DML tiegħu u m'għandux isegwi dniefel għall-bqija tas-sena. Kull bastiment bħal dan li jitlef id-DML tiegħu għal darbtejn konsekuttivi ma jkunx eliġibbli biex jirċievi DML s-sena ta' wara.

2. Fi żmien sitt xhuir mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-IRP, b'koperazzjoni ma' l-istaff xjentifiku tal-IATTC, għandu jiżviluppa u jirrakkomanda sistema li biha tiġi mkejla l-utilizzazzjoni tal-DML biex tiskoraġġixxi talbiet frivoli għal DMLs.. Din is-sistema rakkomandata għandha tiġi ppreżentata għall-konsolidazzjoni permezz tal-laqgħa bejn il-partijiet.

III. L-UŻU TA'DML KKONFISKATI JEW MHUX UTILIZZATI

1. Wara l-1 ta' April ta' kull sena, xi DML li d-Diretttur ikun jidhirlu li mhux sa jiġu utilizzati skond it-taqsima II jew inkella jkunu ttiħdulhom għandhom jiġu allokati mill-ġdid lill-partijiet b'konsistenza ma' din it-taqsima.

2. Fl-ewwel ġuranta tax-xogħol f'April ta' kull sena, l-DML ta' sena sħiħa ta' dawk il-bastimenti li ma jkunux użawhom, skond it-Taqsima II, jew inkella ikunu ttiħdulhom, għandhom jitqassmu mill-ġdid fost il-partijiet mid-Direttur b'konsistenza mal-formula stabbilta skond it-taqsima I,(5), iżda wara li jsir aġġustament ta' din il-formula kif elenkat fis-subparagrafi (a),(b) u (c). Dawn il-DML addizzjonali jistgħu jiġu allokati mill-partijiet individwali fost il-bastimenti kkkwalifikati taħt il-ġurisdizzjoni ta' din il-parti, suġġett għal-limitazzjonijiet u l-kondizzjonijiet elenkati fil-paragrafi 3,4,5,6 u 7 ta' din it-taqsima.

(a) Filwaqt li ssir ir-riallokazzjoni, xi bastimenti li jkunu tilfu jew b'xi mod ieħor itteħdilhom l-DML taħt dan il-paragrafu, u xi bastimenti li jkunu talbu DML għat-tieni semestru wara d-data ta' l-għeluq kif elenkat fit-Taqsima 1(1) m'għandhomx jiġu kkunsidrati.

(b) Qabel jiġi stabbilit l-għadd ta'DML disponibbli għar-riallokazzjoni taħt din it-taqsima, għandu jsir aġġustament billi jitnaqqas minn dan l-għadd xi mortalijiet osservati tad-dniefel li jkunu ġew ikkawżati minn dawk il-bastiemnti li jkunu tilfu l-DML tagħhom taħt din it-Taqsima II(1).

(ċ) Qabel jiġi stabbilit l-għadd ta'DML disponibbli għar-riallokazzjoni taħt din it-taqsima, id-Direttur għandu jnaqqas terz mill-ADML ikkalkolat skond it-Taqsima I (5) għall-allokazzjoni lil kull bastiment li jkun talab id-DML għat-tieni semestru qabel id-data ta' l-għeluq kif stabbilit skond it-Taqsima I, (1). Tali DML tat-tieni semestru għandhom jiġu allokati mid-Direttur lill-partijiet b'mod proporzjonali, ibbażat fuq il-ġurisdizzjoni tal-partijiert rispettivi fuq bastimenti oħra koperti taħt dan is-subparagrafu. L-DML tat-tierni semestru assenjati lil dan il-bastiment mill-partijiet li taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom dawn joperaw m'għandhomx jiskorru t-terz ta' l-ADML ikklakolat skond it-Taqsima 1(5). Tali bastimenti m'għandhomx jibdew jaħbtu għad-dniefel qabel l-1 ta' Lulju ta' dik is-sena.

3. Kwalunkwe parti tista' taġġusta l-DML tal-bastimenti kkwalifikati tagħha li jilħqu l-kriterji elenkati fit-Taqsima I (2) ta' dan l-Anness kemm 'il fuq kif ukoll 'l isfel, basta ebda bastiment ma jiġi assenjat DML aġġustat li jiskorri l-50 % 'il fuq mid-DML inizjali, għajr meta r-rekord tiegħu biex jitnaqqsu l-mortalitajiet tad-dniefel, kif imkejla mill-IRP, tkun fost l-ewwel 60 % tar-rekord tal-flotta internazzjonali fl-intier tagħha, kif jiġi deċiż mill-IRP, ibbażat fuq id-*data* tas-snin ta' qabel. Il-parti li tagħmel dan l-aġġustament għandha tinnotifika b'dan lid-Direttur mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju, u ebda aġġustament ta' din ix-xorta m'għandu jidħol fis-seħħ qabel id-Direttur ikun ġie mgħarraf.

4. Ebda bastiment ma jista' jkollu l-DML inizjali aġġustata 'il fuq minn xi parti jekk il-IRP tkun hekk iddeċidiet, u l-parti li jkollha l-ġurisdizzjoni fuq il-bastiment tkun qablet, matul dik is-sena jew is-sena ta' qabel li:

(a) il-bastiment ikun stad mingħajr osservatur;

(b) il-bastiment ikun ħabat għad-dniefel mingħġajr DML;

(ċ) il-bastiment ikun ħabat għad-dniefel wara li jkun laħaq id-DML tiegħu;

(d) il-bastiment ikun konxjament ħabat għal ġliba pprojbita ta' dniefel:

(e) il-kaptan, l-ekwipaġġ, jew sid il-bastiment ikun ikkommetta xi waħda mill-azzjonijiet elenkati fl-Anness II (6) (f) ta' dan il-Ftehim;

(f) il-bastiment ikun għamel ħbit sanzjonabbli bil-lejl;

(g) il-bastiment ikunu uża l-esplossivi matul xi fażi ta' l-operazzjoni tas-sajd li tkun tinvolvi d-dniefel.

Għall-ksur ta' liġi elenkati f'(a),(b),(c, (d), (f) u (g), parti titiqies li pprovdiet dan il-qbil jekk ma tkunx oġġezzjonat għall-IRP fi żmien sitt xhur minn meta tiġi rriferita vjolazzjoni possibbli mill-IRP. Għall-ksur imsemmi fl-(e), parti titqies li tkun tat dan il-qbil jekk ma tkunx oġġezzjonat għall-IRP fi żmien 12-il xahar minn din is-sottomissjoni.

5. Ebda bastiment ma jkun eliġibbli biex jirċievi allokazzjoni addizzjonali ta' DML minn parti minbarra jekk dan ikollu abbord it-tagħmir u l-apparat meħtieġ ta' sigurtà għad-dniefel matul is-sena, u ebda allokazzjoni 'il fuq ta' din ix-xorta ma tista' ssir għal bastiment li jkun skorra l-DML inizjali tiegħu qabel l-1 ta' April, għajr meta dan ikun minħabba *force majeure* jew ċirkostanzi straordinarji, skond qbil li kien hemm fil-laqgħa tal-partijiet, waqt konsultazzjoni ma'l-IRP.

6. Fil-każ ta' bastiment li jiskorri l-DML tiegħu, kif jista' jiġi aġġustat skond dan l-Annes, matul ċerta sena, l-ammont ta' dan l-eċċess, miżjud ma' żieda oħra ta' 50 % ta' dak l-ammont, għajr meta l-IRP jirrakkomanda mod ieħeor, għandu jitnaqqas mil-DML assenjati lil dak il-bastiment minn parti li taħt il-ġurisdizzjoni tagħha l-bastiment ikun jopera fuq is-snin sussegwenti fil-mod preskritt mill-IRP.

7. Jekk f'xi waqt bastiment jilħaq jew jiskorri l-DML tiegħu, skond kif ikun ġie aġġustat skond dan l-Anness, dak il-bastiment għandu jieqaf mis-sajd kollu tat-tonn flimkien mad-dniefel.

IV. L-IMPLIMENTAZZJONI

1. Il-partijiet għandhom jassiguraw li l-implimentazzjoni tas-sistema ta' l-DML stabbilita b'dan l-Anness, il-limiti tal-mortalità għal kull ġliba, għal kull sena, kif speċifikati fl-Anness III, ma jiġux skorruti.

2. F'każi li jinvolvu ċirkostanzi mhux tas-soltu u straordinarji mhux previsti f'dan l-Anness, il-partijiet, kif rakkomandat mill-IRP, jistgħu jieħdu dawk il-miżuri kif ikun meħtieġ, b'konsistenza mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness, biex tiġi implimentata s-sistema tad-DML.

3. Jekk il-mortalità f'ċerta sena tiżdied 'il fuq mil-livelli li l-IRP jikkunsidra bħala sinifikanti, il-IRP għandu jirrakkomanda li l-partijiet jagħmlu laqgħa biex jirrevedu u jidentifikaw il-kawżi tal-mortalità u jifformulaw għażliet biex isibu tarf il-kawżi

ANNESS V

IL-BORD XJENTIKU KONSULTATTIV

1. Il-partijiet għandhom isostnu l-Bord Xjentifiku Konsultattiv imwaqqaf skond il-Ftehim ta' La Jolla biex jgħin lid-Direttur fi kwestjonijiet li jirrigwardaw ir-riċerka,

   (a) biex jimmodifika t-teknoloġija kurrenti tat-tartarun tal-borża biex jagħmilha anqas probabbli li tikkawża l-mortalità tad-dniefel,

   (b) biex ifittex mezzi alternattivi biex jinqabad it-tonn kbir tax-xewka safra.

2. Il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-Bord għandhom ikunu:

   (a) li jiltaqa' ta' lanqas darba fis-sena;

   (b) li jirrevedi l-pjani, il-proposti, u l-programmi tar-riċerka tal-IATTC biex jara kif sa jintlaħqu l-għanijiet elenkati fil-paragrafu I;

   (ċ) li jagħti parir lid-Direttur rigward l-abbozzar, il-faċilitazzjoni u l-iggwidar tar-riċerka biex jintlaħqu l-għanijiet elenkati fil-paragrafu I;

   (d) biex jgħin lid-Direttur isib sorsi ta' finanzjament biex imexxi 'l quddiem riċerka bħal din.

3. Il-Bord għandu jikkonsisti f'mhux aktar minn 10 membri, li minnhom mhux iżjed minn tnejn għandhom ikunu minn pajjiż wieħed, magħżula mill-komunità internazzjonali tax-xjenzati, l-esperti fit-tagħmir tas-sajd, mill-industrija tas-sajd, u mill-ambjentalisti. Il-membri jiġu proposti mid-Direttur fuq il-kriterju tal-kapaċità teknika tagħhom, u kull wieħed għandu jkun suġġett għall-approvazzjoni tal-partijiet.

ANNESS VI

IL-KUMITATI NAZZJONALI XJENTIFIĊI KONSULTATTIVI

1. Il-funzjonijiet tal-Kumitati Nazzjonali Xjentifiċi Konsultattivi (Natsacs), stabbiliti skond l-Artikolu XI ta' dan il-Ftehim, għandhom ikunu, inter alia:

   (a) li jirċievu u jirrevedu d-*data* relevanti, inkluża d-*data* pprovduta lill-awtoritajiet nazzjonali mid-Direttur;

   (b) li jagħtu parir u jirrakkomandaw lill-gvernijiet tagħhom miżuri u azzjonijiet li għandhhom jittieħdu biex jiġu kkonservati u mmaniġġjati l-istokks tar-riżorsi marini ħajjin fiż-Żona tal-Ftehim;

   (ċ) li jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-gvernijiet tagħhom rigward il-ħtiġiet tar-riċerka, inkluża r-riċerka rigward ekosistemi, l-effett ta' fatturi klimatiċi, ambjentali u soċjo-ekonomiċi, l-effetti tas-sajd kif ukoll rigward il-miżuri kkontemplati f'dan il-Ftehim, it-tekniki u l-prattiċi tas-sajd, u r-riċerka fuq it-teknoloġija tat-tagħmir, inkluż l-iżvilupp u l-użu tat-tagħmir tas-sajd selettiv li jkun ambjentalment bla dannu u ekonomiku kif ukoll il-kordinazzjoni u l-faċilitazzjoni ta' din ir-riċerka;

   (d) li jmexxu reviżjonijiet u valutazzjoniiet xjentifiċi sas-sena 1998 jew malajr kemm jista' jkun minn hemm 'il quddiem, rigward il-progress lejn l-għan tas-sena 2001 li jintlaħaq limitu ta' 0,1 % N_{min} għal kull ġliba, għal kull sena, u biex isiru rakkomandazzjonijiet xierqa lill-gvernijiet tagħhom rigward dawn ir-reviżjonijiet u l-valutazzjonijiet, kif ukoll valutazzjoniiet addizzjonali fis-sena 2001 b'konsistenza ma' dan il-Ftehim;

   (e) li jassiguraw l-iskambju sħiħ regolari u malajr tad-*data* fost il-partijiet u n-Natsacs dwar il-qbid ta' speċji assoċjati mat-tonn u l-ħut li jinqababd miegħu, inkluża d-*data* tal-mortalità tad-dniefel, għall-finijiet ta' l-iżvilupp tal-konservazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet dwar l-immaniġġjar lill-gvernijiet tagħhom kif ukoll rakkomandazzjonijiet għall-infurzar u r-riċerka xjentifika filwaqt li ma tiġix ivvjolata l-konfidenzalità tad-*data* kummerċjali konfidenzali;

   (f) li jikkonsultaw esperti oħra kif ikun meħtieġ għall-iskop tal-ġbir ta' l-informazzjoni kollha possibbli li tista' tkun meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim;

   (g) li jwettqu dawk il-funzjonijiet ta' l-istess xorta li l-gvernijiet rispettivi tagħhom jistgħu jassenjawlhom.

2. Rapporti tan-Natsacs, inkluża l-laqgħa ta' koperazzjoni tagħhom, għandhom ikunu għad-disposizzjoni tal-partijiet u tal-pubbliku, b'mod konsistenti mal-ħtiġiet li jkunu applikabbli dwar il-konfidenzalità.

3. Id-Direttur jista' jlaqqa', b'żieda mal-laqgħat skond l-Artikolu XI (3), laqgħat bl-iskop li tiġi ffaċilitata l-konsultazzjoni fost in-Natsacs

4. Il-funzjonijiet tal-laqgħat tan-Natsacs għandhom ikunu:

   (a) li jiskambjaw informazzjoni;

   (b) li jagħmlu reviżjonijiet tar-riċerka tal-IATTC biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim

   (ċ) li jsiru rakkomandazzjonijiet lid-Direttur dwar il-programm ta' riċerka futura biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim.

5. Il-membri tal-Natsacs minn kwalunkwe parti li jattendu għal-laqgħa għandhom ikunu nnominati minn dik il-parti.

ANNESS VII

IL-PANEL INTERNAZZJONALI TA' REVIŻJONI

1. Skond l-Artikolu XII ta' dan il-Ftehim, il-Panel Internazzjonali ta' Reviżjoni (IRP) għandu jkollu dawn il-funzjonijiet:

   (a) li jiġbor ta' kull sena lista tal-bastimenti li jikkwalifikaw għal-DML kif miftiehem fl-Anness IV;

   (b) li janalizza r-rapporti mressqa lill-IRP, rigward il-vjaġġi kollha tas-sajd għat-tonn li jsiru mill-bastimenti koperti minn dan il-Ftehim;

   (ċ) li jidentifika l-ksur kollu possibbli, ibbażat fuq il-lista tal-ksur kollu possibbli approvata mil-laqgħa tal-partijiet;

   (d) li jinforma lil kull parti, permezz tad-Direttur, dwar ksur li possibbilment ikun sar mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħha jew li joperaw taħt il-ġurisdizzjoni tagħha, u li tirċievi minn dik il-parti l-informazzjoni fuq l-azzjonijiet li ttieħdu;

   (e) li jżomm rapport aġġornat dwar l-azzjonijiet li jkunu ttieħdu mill-partijiet biex jipprovdu taħriġ adegawat għall-kaptani tas-sajd, u li jżommu lista ta' dawk il-kaptani tas-sajd li jkunu deċiżi li jikkonformaw mal-ħtiġiet stabbilita ta' imġieba, ibbażati fuq l-informazzjoni mogħtija minn kull waħda mill-partijiet;

   (f) li jirrakkomanda lil-laqgħa tal-partijiet il-miżuri pertinenti biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu ma' l-użu ta' l-apparat, it-tagħmir u t-tekniki tas-sajd, waqt li jitqies it-titjib fit-teknoloġiji, kif ukoll l-adozzjoni ta' l-inċentivi adattati għall-kaptani u l-ekwipaġġi biex jilħqu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim;

   (g) li jipprepara u jlesti għal-laqgħa tal-partijiet rapport annwali dwar dawk l-aspetti ta' l-operazzjoni tal-flotta li għandhom x'jaqsmu ma' l-implimentazzjoni tal-Ftehim, inkluż sommarju tal-ksur possibbli li jinqabad u l-azzjonijiet mill-partijiet;

   (h) li jirrakkomanda lill-partijiet metodi biex progressivament titnaqqas il-mortalità inċidentali tad-dniefel fil-lokal tas-sajd fiż-Żona tal-Ftehim;

   (i) li jwettaq funzjonijiet oħra li jiġu lilu assenjati mil-laqgħa tal-partijiet;

2. Il-IRP għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-partijiet (membri governattivi), tliet rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ambjentali mhux governattivi b'esperjenza rikonoxxuta f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-Ftehim u ma' uffiċċji fit-territorju ta' parti, u tliet rappreżentanti mill-industrija tat-tonn li tkun topera taħt il-ġurisdizzjoni ta' xi waħda mill-partijiet fiż-Żona tal-Ftehim (membri mhux governattivi).

3. Il-membri mhux governattivi għandu jkollhom kariga ta' sentejn, li tibda fl-ewwel laqgħa tal-IRP li tiġi immedjatament wara li dawn jiġu eletti.

4. Il-membri mhux governattivi jiġu eletti skond din il-proċedura:

   (a) qabel l-iskadenza taż-żmien ta' membru mhux governattiv, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi relevanti jistgħu jippreżentaw lid-Direttur in-nominazzjonijiet tal-kandidati 60 jum qabel l-iskadenza taż-żmien. Ma' kull nominazzjoni għandu jkun hemm *curriculum vitae*. Il-membri mhux governattivi kurrenti jiġu nnominati għal perjodi addizzjonali;

   (b) malli n-nominazzjonijiet jiġu riċevuti, id-Direttur għandu jibgħathom bil-miktub lill-partijiet fi żmien 10 ijiem. Il-partijiet għandhom jibagħtu l-voti tagħhom lid-Direttur fi żmien 20 jum minn meta jintbagħtu n-nominazzjonijiet mid-Direttur. F'din l-elezzjoni, it-tliet innominati minn kull settur mhux governattiv li jirċievu l-aktar voti jiġu eletti; dak innominat li jirċievi r-raba' fost l-aktar voti għandu jiġi nnominat bħala

membru alternattiv. Fil-każ li jiġu ndaqs, id-Direttur għandu jitlob vot ġdid mill-partijiet biex jiġu magħżula l-membru u l-alternattiv;

(ċ) jekk posizzjoni mhux governattiva tisfa permanentment vakanti, minħabba mewt, riżenja, jew nuqqas ta' parteċipazzjoni fi tliet laqgħat konsekuttivi tal-IRP, il-membru alternattiv għandu jimla l-post għall-bqija taż-żmien li dak il-post ikun fadallu. Il-kandidat li jkun irċieva l-ħames l-akbar numru ta' voti fl-elezzjonijiet imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) għandu jiġi nnominat bħala l-membru alternattiv. Jekk iseħħu vakanzi addizzjonali, id-Direttur għandu jinforma l-organizzazzjonijiet non-governattivi relevanti biex il-kandidati l-ġodda jkunu jistgħu jitressqu għall-proċess elettiv b'konsistenza ma' dak li hemm elenkat fil-paragrafi (a) u (b);

(d) kull alternattiv jista' jattendi l-laqgħa tal-IRP, iżda dan ma jkollux id-dritt li jitkellem jekk il-membri kollha tas-settur rispettiv tiegħu/tagħha jkunu preżenti.

5. Il-IRP għandu jagħmel talanqas tliet laqgħat kull sena, li waħda minnhom għandha ssir prefiribbilment fl-okkazzjoni tal-laqgħa ordinarja tal-partijiet.

6. IL-IRP jista' jsejjaħ laqgħat oħra fuq talba ta' mill-anqas tnejn mill-partijiet, basta l-maġġoranza tal-partijiet jappoġġjaw it-talba.

7. Il-laqgħat tal-IRP għandhom ikunu ppreseduti minn President elett mill-membri governattivi fil-bidu ta' kull laqgħa, li għandu jiddeċidi fuq materji ta' ordni. Kwalunkwe membru għandu jkollu d-dritt li jitlob li kull deċiżjoni li tittieħed tiġi deċiża kif hemm preskritt fil-paragrafu 9 ta' dan l-Anness..

8. Il-laqgħat għandhom isiru bl-Ispanjpol u bl-Ingliż, u d-dokumenti tal-IRP għandhom ikunu biż-żewġ lingwi..

9. Id-deċiżjonijiet fil-laqħat tal-IRP għandhom jiġu adottati b'konsensus fost il-membri governattivi.

10. Dawn il-kriterji għandhonm jiġu applikati għall-attendenza fil-laqgħat tal-IRP:

(a) m' għandux ikun hemm restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' persuni li parti tista' tinkludi fid-delegazzjoni tagħha għal laqgħa tal-IRP;

(b) kull Stat Membru tal-IATTC jew firmatarju ta' dan il-Ftehim jista' jiġi rrappreżentat minn osservatur;

(ċ) kull Stat li ma jkunx membru tal-IATTC u kull Stat jew organizzazzjoni għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali li ma jkunx firmatarju ta' dan il-Ftehim jista' jkun irrappreżentat minn osservatur, b'notifika minn qabel lill-Membri governattivi tal-IRP, għajr meta membru governattiv tal-IRP joġġezzjona bil-miktub;

(d) id-Direttur jista' jistieden rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet intergovernattivi bħala osservaturi, b'notifika minn qabel lill-memebri tal-IRP, għajr meta membru governativ tal-IRP joġġezzjona bil-miktub;

(e) f'kull każ li hemm referenza għalih f'(ċ) u (d) id-Direttur m' għandux jirrivela l-identità tal-parti li tkun qed toġġezzjona;

(f) kull osservatur ikun limitat għal żewġ delegati, iżda jista' jġib aktar bl-approvazzjoni ta' żewġ terzi tal-membri governattivi tal-IRP.

11. F'każi urġenti, u bla preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 9 ta' dan l-Annness, il-IRP tista' tieħu deċiżjonijiet bil-korrispondenza permezz tal-vot tal-membri governattivi, skond dawn il-proċeduri.

(a) il-proposta għandha tiġi ċċirkolata lill-membri kollha tal-IRP bil-miktub, bid-dokumentazzjoni kollha relevanti, talanqas 14-il ġurnata qabel id-data effettiva proposta tar-riżoluzzjoni, l-azzjoni, jew il-miżura, il-voti għandhom jintbagħtu lid-Direttur mhux anqas minn sebat ijiem qabel id-data effettiva proposta;

(b) il-proposta għandha tkun ikkunsidrata urġenti għajr meta maġġoranza sempliċi tal-membri governattivi toġġezzjona bil-miktub; il-proposta għandha tiġi aċċettata għajr meta membru governattiv joġġezzjona bil-miktub;

(ċ) id-Direttur għandu jiċċirkola l-proposta kif ukoll id-dokumentazzjoni li tkun magħha, jirċievi u jgħodd il-voti, u jinforma lill-membri tal-IRP dwar ir-riżultati ta' vot malli tagħlaq il-votazzjoni.

12. Id-Direttur għandu jesegwixxi l-funzjonijiet kollha ta' segretarju, li għandhom jinkludu:

(a) li jgħin fit-tlaqqigħ u l-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-IRP

(b) li jippreżenta informazzjoni meħtieġa mill-IRP biex tesegwixxi l-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tagħha inklużi l-formoli tal-IRP u l-formoli tad-*data* ta' fuq il-post li jipprovdu l-informazzjoni dwar l-attiviatjiet tal-bastimenti, il-mortalità tad-dniefel, u l-preżenza, il-kondizzjoni, u l-użu tat-tagħmir u l-apparat għas-sigurtà tad-dniefel;

(ċ) iħejji l-minuti tal-laqgħat kollha u jabbozza r-rapporti speċjali li jittrattaw l-attivitajiet tal-IRP;

(d) jipprovdi lil kull Parti, għall-kunsiderazzjoni tagħha, ir-rakkomandazzjonijiet u l-informazzjoni dwar il-ksur possibbli li jkun inqabad mill-IRP fil-każ tal-bastimenti taħt il-ġurisdizzjoni tagħha;

(e) iqassam lill-IRP informazzjoni li jkun irċieva minn partijiet dwar l-azzjoni meħuda fuq ksur possibbli li jkun inqabad mill-IRP;

(f) jippubblika r-rapport annwali tal-IRP u joħorġu għall-pubbliku, skond l-istruzzjonijiet mogħtija mil-laqgħa tal-partijiet;

(g) jippreżenta lill-membri tal-IRP l-informazzjoni li jkun irċieva mill-partijiet kif imsemmi fil-paragrafu l(e) ta' dan l-Anness;

(h) jesegwixxi ħidmiet oħra meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet tal-IRP, kif jiġi assenjat lilu mill-partijiet.

13. Ir-regoli tal-proċedura tal-IRP jistgħu jiġu mmodifikati mil-laqgħa tal-partijiet. Il-modifiki jistgħu jiġu rrakkomandati mill-IRP.

14. Il-membri tal-IRP u l-partijiet kollha parteċipanti mistednin biex jattendu l-laqgħat tal-IRP bħala ossetrvaturi għandhom jittrattaw l-informazzjoni kollha ppreżentata f'dawn il-laqgħat skond id-disposizzjonijiet dwar il-konfidenzalità kif elenkati fl-Artikolu XVIII ta' dan il-Ftehim.

ANNESS VIII

IL-ĦTIĠIET OPERATTIVI GĦALL-BASTIMENTI

1. Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) "strixxa" tfisser biċċa xibka li tkun bejn wieħed u ieħor ta' fond ta' sitt iqmiem;

(b) "ritrazzjoni" tfisser il-proċedura biex jiġu rilaxxjati d-dniefel maqbuda billi l-magna(i) tal-bastiment jitpoġġew fir-revers meta tkun qed tinġabar ix-xibka, biex b'hekk jiġri li x-xibka li tkun baqgħet fl-ilma tifforma kanal, u li l-ħabel bis-sufri li jkun fil-wiċċ tal-kanal jegħreq l isfel;

(ċ) "għanqud" ifisser tul ta' ħabel bis-sufri miġbur flimkien;

(d) "xibka 'l fuq" ifisser dik il-parti tal-proċess tas-sajd meta l-qabda tiġi mressqa lejn il-wiċċ lesta biex titgħabba abbord il-bastiment.

2. **It-tagħmir u l-apparat għas-sigurtà tad-dniefel**

Bastiment b'kapaċità li jġorr aktar minn 363 tunnellata metrika (400 tunnellata) li jkun jopera fiż-Żona tal-Ftehim għandu:

(a) ikollu tartarun tal-borża armat b'panew għas-sigurtà tad-dniefel; (PSD) li jkollu dawn il-karattersitiċi:

(i) tul minimu ta' 189 qama (kif imkejjel qabel jiġi stallat), minbarra li t-tul minimu tad-PSD fi xbieki aktar fondi minn 19-il strixxa li għandhom jiġu meqjusa fi proporzjon ta' 10 iqmiem ta' tul għal kull strixxa ta' fond nett. Il-PSD irid jiġi stallat biex jgħatti l-kanal tar-ritrazzjoni matul il-ħabel tas-sufri, li jibda min-naħa barranija tat-tarf tal-pruwa miġbuda u tlompli sa ta' lanqas żewġ terżi tad-distanza mill-apiċi tan-naħa li tegħreq sal-ponta fejn ix-xibka tkun marbuta mal-PSD. Il-PSD għandu jikkonsisti minn xibka mmaljata b'toqob fitti li ma jiskorrux 1¼ pulzieri (3,2 cm) meta x- xibka tkun stirata, li tkun testendi 'l isfel mill-ħabel tas-sufri sa fond minimu ta' żewġ strixxi;

(ii) kull tarf irid jiġi mmarkat b'sinjal li jkun jidher ħafna;

(iii) kwalunkwe spazju bejn is-sufri u l-ħabel tas-sufri u x-xibka fina m' għandux jiskorri 1⅜ pulzieri (3,5 cm) fid-djametru;

(b) dan għandu jkollu talanqas tliet laneċ li jkunu operabbli. Il-laneċ kollha operabbli għandhom ikunu armati bi brilji tal-ġbid, jew arbli, u ħbula:

(ċ) għandu jkollhom ċattra operabbli adattata biex wieħed jista' josserva u jsalva d-dniefel;

(d) għandu jkollhom ta' lanqas żewġ maskli tal-baħar operabbli għall-ispezzjoni taħt il-wiċċ;

(e) ikollhom fladlajt operabbli li jwassal 'il bogħod b'qawwa minima ta' 140 000 lumens.

3. **Il-ħtiġiet u l-projbizzjonijiet għall-protezzjoni u l-ħelsien tad-dniefel**

Bastiment b'kapaċità li jġorr aktar minn 363 tunnellata metrika (400 tunnellata) li jopera fiż-żona tal-Ftehim għandu:

(a) jagħmel ritrazzjoni matul kull ħbit li fih jinqabdu d-dniefel, sakemm ma jkunx aktar possibbli li jitneħħew dniefel ħajjin mix-xibka permezz ta' din il-proċedura. Għallinqas wieħed mill-ekwipaġġ għandu jiġi ddettaljat matul ir-ritrazzjoni biex jgħin lid-dniefel jinħelsu:

(b) jkompli l-isforzi biex jeħles xi dniefel ħajjin li jkun fadal fix-xibka wara r-ritrazzjoni, biex id-dniefel ħajjin kollha jinħelsu qabel tinbeda l-proċedura tal-ġbid tax-xibka 'l fuq;

(ċ) ma jtellax jew jimbraga dniefel ħajjin;

(d) jevita li jweġġa' jew joqtol dniefel ħajja maqbuda fil-kors ta' l-operazzjonijiet tas-sajd;

(e) itemm ir-ritrazzjoni mhux aktar minn 30 minuta wara nżul ix-xemx, kif jiġi deċiż mill-partijiet permezz ta' sors eżatt u ta' minn jorbot fuqu: Ħbit li ma jilħaqx dawn il-kriterji jissejjaħ ħbit ta' bil-lejl;

(f) ma jużax xi tip ta' splussiv matul kwalunkwe fażi ta' l-operazzjoni tas-sajd li tinvolvi dniefel (il-gassijiet ta' taħt l-ilma mhux ikkunsidrati bħala splussivi);

(g) itemm il-ħbit fuq dniefel meta d-DML tkun intlaħqet;

(h) ma jaħbatx għad-dniefel jekk il-bastiment tiegħu ma jkollux DML;

(i) minn żmien għal żmien jagħmel allinjament tax-xibka biex jassigura li l-panel tas-sigurtà tad-dniefel ikun f'postu matul il-perjodu tar-ritrazzjoni, ibbażat fuq kriterji stabbiliti mill-IRP.

Qiegħda ssir enfasi biex il-ħtiġiet fuq imsemmija ma jwasslux biex l-ekwipaġġi jipoġġew f'sitwazzjoni ta' riskju bla bżonn għas-sigurtà personali tagħhom.

4. **Eċċezzjonijiet**

Bastiment li ma jkollux DML ikun eżenti mill-ħtiġiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Anness u mill-obbligazzjonijiet li jagħmel il-manuvra tar-ritrazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Anness għajr meta l-parti li jkollha l-ġurisdizzjoni fuq il-bastiment taqtagħha mod ieħor.

Kull bastiment li jaqbad id-dniefel aċċidentalment għandu jipprova jeħles id-dniefel, billi juża kwalunkwe mezz għad-disposizzjoni tiegħu, inkluż li jabortixxi l- l-ħbit, u billi jieħu in konsiderazzjoni il-ħtiġiet elenkati fil-paragrafu 3 ta' dan l-Anness.

5. **It-trattament ta' l-osservaturi**

Il-kaptani, l-ekwipaġġ u l-impjegati l-oħra għandhom jikkonformaw mar-responsabiltajiet tagħhom rigward il-preżenza ta'osservaturi abbord tal-bastimenti tagħhom, kif elenkat fl-Annes II, (6).

6. **Il-bastimenti taħt it-383 (400 tunnellata)**

Ebda bastiment b'kapaċità li jġorr 363 tunnellata metrika (400 tunellata) jew anqas ma jista' intenzjonalment jaħbat għad-dniefel.

ANNEX IX

ELEMENTI TA' L-INSEGWIMENT U L-VERIFIKA TAT-TONN

1. Skond l-Artikolu V, il-paragrafu 1(f) il-Partijiet għandhom jistabbilixxu programm biex isegwu u jivverifkaw it-tonn maqbud mill-bastimenti fiż-Żona tal-Ftehim, li jkun ibbażat fuq dawn l-elementi:

   (a) l-użu tal-kalkolazzjoni tal-piż għall-finijiet ta' l-insegwiment tat-tonn maqbud, imniżżel l-art, ipproċessat u esportat;

   (b) miżuri addizzjonali biex tittejjeb il-kopertura minn osservaturi kurrenti, inkluż it-twaqqif ta' kriterji għat-taħriġ u t-titjib fil-kapaċtajiet u l-proċeduri tal-monitoraġġ u r-rapportaġġ;

   (ċ) id- deskrizzjoni dwar fejn qiegħed il-bir, il-proċeduri dwar l-issiġilar ta' l-istivi, il-proċeduri dwar il-monitraġġ u ċ-ċertifikazzjoni kemm fuq kif ukoll taħt il-gverta, jew permezz ta' metodi effettivi daqshom;

   (d) ir-rapportaġġ, il-wasla, u d-dħul *f'database* ta' trasmissjonijiet bir-radju u bil-faks minn bastimenti li jkollhom informazzjoni li għandha x'taqsam ma' l-insegwiment u l-verifka ta' dan it-tonn;

   (e) il-verifika u l-insegwiment minn fuq ix-xatt ta' dan it-tonn matul il-proċess tas-sajd, it-trasbordar, u l-ippakkjar fil-laned permezz ta' dokumentazzjoni tal-vjaġġ tal-Programm ta' l-Osservatur t'Abbord;

   (f) l-użu ta' verifiki perjodiċi u verifiki fuq il-post tal-prodotti tat-tonn maqbuda, imniżżla x-xatt u pproċesssati.

   (g) il-proviżjoni ta' aċċess fil-waqt tad-*data* relevanti.

2. Kull parti għandha timplimenta dan il-programm fit-territorju rispettiv tagħha, fuq bastimenti suġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħha u f'żoni marini li fihom teżeċita s-sovranità jew id-drittijiet ta' sovranità u ġurisdizzjoni.

ANNESS X

LINJI GWIDA U KRIITERJI GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI TA' L-OSSERVATURI FIL-LAQGĦAT TAL-PARTIJIET

1. Id-Direttur għandu jistieden għal-laqgħa tal-partijiet konvenuta skond l-Artikolu VIII l-organizzazzjonijiet intergovernattivi li x-xogħol tagħhom ikun relevanti għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, kif ukoll dawk li ma jkunux parti li l-parteċipazzjoni tagħhom tista' tippromwovi l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

2. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi (OMG) b'esperjenza rikonoxxuta f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-Ftehim għandhom ikunu eliġibbli biex jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat kollha tal-partijiet konvenuti skond l-Artikolu VIII minbarra laqgħat li jsiru fis-sessjoni eżekuttiva jew laqgħat tal-kapijiet tad-delegazzjonijiet.

3. Kull OMG li tkun tixtieq tipparteċipa bħala osservatur f'laqgħa tal-partijiet għandha tgħarraf lid-Direttur dwar ix-xewqa tagħha li tipparteċipa talanqas 50 jum qabel il-laqgħa. Id-Direttur għandu jagħti lill-partijiet l-ismijiet ta' dawk l-OMG ta' lanqas 45 jum qabel tibda l-laqgħa.

4. Jekk laqgħa tal-partijiet issir b'avviż ta' anqas minn 50 jum, id-Direttur għandu jkollu flessibbiltà akbar rigward meta għandhom jintbagħtu l-istediniet.

5. OMG li tkun tixtieq tipparteċipa bħala osservatur tista' għajr meta maġġoranza tal-partijiet formalment toġġezzjona bil-miktub talanqas 30 jum qabel il-bidu tal-laqgħa in kwestjoni.

6. Kull osservatur li jkun jipparteċipa jista':

   (a) jattendi laqgħa, suġġett għall-paragrafu 2 ta' dan l-Anness, iżda mhux li jivvota;

   (b) jagħmel dikjarazzjonijiet bil-fomm matul il-laqgħa meta jitolbu l-president;

   (ċ) iqassam dokumenti fil-laqgħa, bl-approvazzjoni tal-president;

   (d) jidħol f'attivitajiet oħra, kif ikun xieraq u approvat mill-president.

7. Id-Direttur jista' jobbliga l-osservaturi OMG li jħallsu drittijiet raġonevoli, u dan biex jitħallsu l-ispejjeż attribwibbli għall-attendenza tagħhom (p.e. spejjeż ta' kkupjar).

8. L-osservaturi kollha li jiddaħħlu għal-laqgħa tal-partijiet għandha tintbagħtilhom jew tingħatalhom l-istess dokumentazzjoni li tkun ġeneralment aċċessibbli għall-partijiet kollha, minbarra dokumentazzjoni li jkun fiha *data* kummerċjali konfidenzali.

9. L-osservaturi kollha li jitħallew jidħlu għal-laqgħa tal-partijiet għandhom jikkonformaw mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-parteċipanti l-oħra tal-laqgħa.